

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Ġunju 2019 fil-Każ R 108/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Awwissu 2019 — Leinfelder Uhren München vs EUIPO — Schafft (Leinfelder)

(Kawża T-577/19)

(2019/C 328/85)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Leinfelder Uhren München GmbH & Co. KG (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Lüft, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Thomas Schafft (München, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Leinfelder” — Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 13 975 461

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Mejju 2019 fil-Każijiet magħquda R 1930/2018-2 u R 1937/2018-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn it-trade mark ikkontestata tal-Unjoni Ewropea ġiet irrevokata wkoll għal prodotti fil-klassi 14 (arloġġi tal-idejn) u fil-klassi 18 (ċineg tal-arloġġi);

- tiċħad l-appell tal-parti li rressqet il-proċedimenti ta' kanċellazzjoni fil-Każ R 1930/2018-2;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż;
- fil-każ li l-parti l-oħra tipparteċipa fil-proċedura bħala intervenjenti, tikkundannaha tbatl l-ispejjeż tagħha stess.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (EU) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Lulju 2019 — Red Bull vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' parallelogramm b'żewġ kuluri)**(Kawża T-305/17) ⁽¹⁾**

(2019/C 328/86)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 231, 17.7.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2019 — Microsemi Europe u Microsemi vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-227/18) ⁽¹⁾**

(2019/C 328/87)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 190, 4.6.2018.
